# "Semmewh Ġesù"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# fit-Tifkira tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù
# Jannar 2025

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Ġesù, minnek il-ħniena
u l-bidu tal-ferħ tagħna,
Int l-għajn tal-ħlewwa w grazzja,
ta' qalbna l-oħla għana.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għal min jitolbok, tjieba,
u ħnien*a* għall-midinbin,
għal min ifittxek, faraġ,
Int kollox għat-tajbin.

*Missierna, Sliema, Glorja*

L-imħabba kbira tiegħek
hi l-ikel tal-moħħ tagħna,
timlieh b'ħemda qaddisa,
bis-sliem kotran jistagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġesù, Sid ħelu tagħna,
tfittxek ħerqana r-ruħ,
il-qalb warajk tissaħħar,
serħ tal-għajnejn bid-dmugħ.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġesù, qalb kollha ħlewwa,
imlielna ruħna bik:
ma nifhmu qatt tjubitek,
l-imħabba nsibu fik.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġesù, tax-Xebba Mbierka
Int ġmiel ta' warda tfuħ:
nagħtuk kull ġieħ u glorja,
imla bis-sliem lir-ruħ. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Fit-3 ta' Jannar il-Knisja tiċċelebra t-tifkira tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù. Din it-tifkira hija marbuta mal-1 ta' Jannar, l-ewwel jum tas-sena u l-aħħar jum tal-

ottava tal-Milied, proprju għax tmint ijiem wara t-twelid kienet issir iċ-ċirkonċiżjoni li biha l-wild tifel kien isir parti mill-Poplu l-magħżul ta' Alla u hekk jikseb l-identità tiegħu ta' dixxendent ta' Abraham li lilu saret il-wegħda ta' nisel bla għadd. B'dan il-ġest jikseb ukoll l-identità personali tiegħu għax kien proprju waqt dan ir-ritwal li t-tarbija kienet tingħata uffiċjalment l-isem.
U hija tassew koinċidenza sabiħa li ntemmu s-sena billi nsejħu dan l-isem waqt l-innu antik ta' tifħir u ta' radd il-ħajr—it-*Te Deum*—fejn nesklamaw: *Tu rex glóriæ, Christe ... Per síngulos dies benedícimus te; et laudámus nomen tuum in sæculum, et in sæculum sæculi—Kristu, inti s-Sultan glorjuż ... Min jum għal ieħor aħna nberkuk; u nfaħħru ismek għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem*. L-għada, imbagħad, nibdew is-sena l-ġdida b'dan l-isem fuq fommna u taħt il-kenn matern ta' Marija għax, kif ifissrilna San Luqa fl-Evanġelju tiegħu, lill-Iben divin tagħha jsemmuh "Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf" (Lq 1, 21): kien saħansitra qabel l-"iva" libera tal-Omm li l-Anġlu Gabrijel jgħarrafha bil-pjan ta' Alla għaliha billi jgħidilha: "Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù" (Lq 1, 31).
L-istess kelma tasal ukoll lil Ġużeppi, ir-raġel ġust tagħha, fejn, kif jirrakkuntalna San Mattew, waqt ħolma, anġlu jkellem ukoll lilu biex ifissrilu minn fejn ġejja t-tqala mhux mistennija tal-għarusa tiegħu Marija. Bħala dak li f'għajnejn il-liġi kellu jidher il-missier tat-tifel li kien l-Iben ta' Alla, Ġużeppi jiġi mitlub li jagħti isem lil dan l-Iben u hekk jieħu r-responsabbiltà paterna tiegħu, imma jiġi ordnat isemmih Ġesù, "għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1, 21). U San Ġużeppi ukoll, min-naħa tiegħu, jikkoopera ma' dan il-pjan tal-ħniena ta' Alla u jagħmel "kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesù" (Mt 1, 24-25).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ejjew aħna wkoll ninfexxu fi kliem ta' tifħir lejn dan l-isem qaddis billi għal kull invokazzjoni nwieġbu: ***infaħħru l-isem qaddis tiegħek.***

- Ġesù, Alla li jsalva, **R/.**
- Ġesù, li f'ismek hemm il-ħniena, **R/.**
- Ġesù, Sultan tal-glorja, **R/.**
- Ġesù, Xemx tal-ġustizzja, **R/.**
- Ġesù, Iben Marija Verġni, **R/.**
- Ġesù, magħmul bniedem għalina, bħalna f'kollox minbarra d-dnub, **R/.** Ġesù, li għandek hemm il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, **R/.**
- Ġesù, duwa ħelwa għall-ġisem u għar-ruħ, **R/.**
- Ġesù, Għimmanu-El, Alla magħna, **R/.**
- Ġesù, li fik tinsab l-hena ta' qalbna u t-tama tagħna, **R/.**
- Ġesù, ix-xewqa ta' ruħna, għajnuna u tarka tagħna, **R/.**
- Ġesù, li fuqna tistrieħ tjubitek u fik il-Missier isib l-għaxqa tiegħu, **R/.**

**Innu Ewkaristiku** (jew *Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu*)

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli** (4, 8-12)
Pietru, mimli bl-Ispirtu s-Santu, wieġeb: "Kapijiet tal-poplu u xjuħ, intom illum qegħdin tistħarrġuna fuq il-ġid li għamilna lil wieħed marid, u biex dan fieq. Mela kunu afu intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' Iżrael: jekk dan ir-raġel hu hawn quddiemkom qawwi u sħiħ, dan ġara bis-saħħa tal-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret, li intom sallabtuh u Alla qajmu mill-imwiet. Din hi

*'il-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu*
*u li saret il-ġebla tax-xewka.'*

F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Mulej Ġesù, f'din il-ġrajja meħudha mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, fejn l-appostli Pietru u Ġwanni jsibu ruħhom quddiem is-Sinedriju biex jagħtu kont tal-fejqan f'ismek mal-magħtub ħdejn il-bieb tat-tempju, jidher biċ-ċar li sa mill-bidu l-Knisja u d-dixxipli tiegħek sabu l-ankra tat-tama tagħhom f'dan l-isem hekk ħlejju li jfisser salvazzjoni. Għax xi jfissek ismek 'Ġesù', jekk mhux 'Jahweh isalva', 'Alla jsalva'! U bir-raġun kollu għax fik u bik Alla jwassal għall-milja tagħha s-salvazzjoni li bdiet fl-Eżodu permezz tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu li wassal lil ulied Iżrael sabiex mill-ġdid jagħrfu lil Alla li kien għażilhom u jerġgħu jibdew iqimuh permezz tal-isem "Jien-hu," "Jien li Jien," li jagħmilha possibbli li jidħlu fi djalogu miegħu.
Saħansitra fl-ewwel diskors tiegħu nhar Għid il-Ħamsin, bla biża' ta' xejn Pietru jistqarr b'konvinzjoni li tmiss il-qlub u tqanqal għall-indiema lil tlitt elef ruħ li stqarrew ismek u rċevew il-Magħmudija, billi bi kliem sod iwissihom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don tal-Ispirtu s-Santu" (Atti 2, 38).
U anke llum, bħala pellegrini tat-tama u bħala ċittadini tas-sema li għadna ngħixu u nterrqu f'dinja mqallba u mnawra minna l-bnedmin stess, aħna wkoll nixtiequ nagħmlu tagħna din il-konvinzjoni tal-qawwa ta' salvazzjoni li hemm f'ismek, u nsejħulek: Ġesù! Ġesù! Mulej Ġesù, f'dan ismek qaddis hemm miġbura t-tama kollha tagħna sabiex, fil-pellegrinaġġ ta' din il-ħajja, inħallu t-togħma tal-ħlewwa tiegħu thennina u tqawwina fil-mixja tagħna lejn is-sema biċ-ċertezza li ma tqarraqx li aħna tassew ġejna mifdija bid-demm prezzjuż tiegħek! Inti trid tagħtina s-salvazzjoni jekk imqar inħalluk tfesfes f'widnejna ismek, u aħna nwiegħbu b'fommna u b'qalbna bl-istess isem: Ġesù! Mal-umanità u l-ħolqien kollu aħna ninżlu għarkupptejna u nħollu lsienna biex nistqarru bla tlaqliq "Ġesù Kristu hu Mulej" għall-glorja ta' Alla l-Missier li, wara li xxejjint sal-mewt tas-

salib, għolliek sas-smewwiet u żejnek b'dan l-Isem li hu fuq kull isem (ara Fil 2, 5-11) ... Ġesù!

## Innu Ewkaristiku

O Isem tabilħaqq glorjuż, o Isem ħelu, o Isem kollu mħabba u qawwa! Bik jinħafrulna dnubietna, bik l-għedewwa jiġu megħluba, bik il-morda jinħelsu mill-mard tagħhom, bik dawk li bis-sabar iġarrbu l-persekuzzjonijiet jissaħħu u jifirħu. Int l-unur ta' dawk li jemmnu, int l-Imgħallem tal-predikaturi, int il-qawwa tal-ħaddiema u s-saħħa tad-dgħajfa. Ix-xewqat tagħna jitkebbsu bil-ħeġġa ħerqana u s-sħana ta' mħabbtek, it-talb tagħna jiġi mismugħ, l-erwieħ ta' dawk li jikkontemplawk jimtlew bil-ferħ u jiksbu l-glorja l-erwieħ tar-rebbieħa kollha li hemm fil-ġenna. O Ġesù l-aktar ħelu, f'ġieħ l-Isem imqaddes tiegħek, agħmel li aħna wkoll insaltnu magħhom għal dejjem.

*(San Bernardin ta' Siena, Sermo 49)*

B'dan il-kliem ta' San Bernardin ta' Siena jidwi f'ruħna, u qabel ma nirċievu l-Barka Sagramentali li fiha wkoll inbierku l-isem qaddis tal-Mulej Ġesù, ejjew kollna fiduċja fis-setgħa ta' dan l-isem induru lejn il-Mulej u, bil-ħrara kollha ta' qalbna, nitolbuh: ***Ħenn għalina u għad-dinja kollha.***

- L-Isem tiegħek hu s-sies qawwi tal-fidi tagħna li tagħmilna wlied Alla: ħares il-Knisja tiegħek hija twassal il-fidwa tiegħek u tfaħħar lil Missier b'ismek. **R/.**
- L-Isem Imqaddes tiegħek kien mistenni b'ħerqa minn missirijietna tal-qedem: rodd is-sliem mill-ġdid lill-art li fiha għext u lid-dinja kollha. **R/.**
- L-Isem tiegħek jilma b'dawl qawwi: saħħaħ lil dawk li jħabirku sabiex il-Kelma tiegħek tiġi mxandra u mismugħa. **R/.**
- Fl-Isem qaddis tiegħek isiru għeġubijiet u ħwejjeġ tal-għaġeb: ġedded dawn l-għemejjel tiegħek fostna sabiex id-dinja temmen fik u x-xhieda tagħna tiġi msaħħa. **R/.**
- Int sejjaħt b'isimhom lil dawk li ħtart bħala appostli tiegħek: kompli sejjaħ b'isimhom żgħażagħ minn fostna sabiex jaqdu l-poplu tiegħek u jqassmu l-grazzja u l-ħniena tiegħek. **R/.**
- Il-ħlewwa ta' Ismek ixxennaqna għad-dehra ta' wiċċek: ħa jissejjaħ ismek fuq ħutna l-mejtin sabiex iqumu għall-hena bla tmiem. **R/.**

Mulej Ġesù, ilqa' dan it-talb fqajjar tagħna, u agħmel li bil-qawwa tiegħek isseħħu kull rieda tajba tagħna għall-ġid u kull ħidma tal-fidi sabiex, permezz tagħna, ikun imsebbaħ l-Isem tiegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali